**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 t'April 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Niko Zammit**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Gabriella James tas-17 ta' Mejju 2024 li bih ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn esponiet:

    1. Illi Niko Zammit detentur tal-karta tal-identita 170193M u residenti gewwa Marcos Court, P/H 9B Triq Mikiel Abela Birzebbuga qieghed jigi segwit fuq Ordni ta' Probation, liema Ordni nharget minn din il-Qorti ghal perjodu ta' tlett snin, flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunita ghal mitt (100) siegha;

    2. Illi parti mill-Ordni tieghu moghtija minn din il-Qorti, Niko Zammit kien mistenni jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha. Madankollu, huwa naqas milli jaghmel dak li kien mistenni minnu, hekk kif m'attendiex ghax-xoghol allokat lilu.

F'dan ir-rigward is-Sur Zammit inghata zmien bizzejjed sabiex jikkompleta s-sighat tal-impjieg, madankollu huwa naqas milli juri impenn sabiex isir dan;

3. Illi Niko Zammit naqas milli jsegwi l-kundizzjonijiet annessi mal-Ordni li nghata minn din il-Qorti, billi wera inkosistenza fl-attendenza tieghu ghall-appuntamenti fi hdan id-DPP.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ir-rikorrenti hassitha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal dawn il-fatti, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-atti tal-proceduri tal-kumpilazzjoni numru 655/2021 fil-konfront tad-denunzjat.

3. Rat li l-partijiet ma ghamlux sottomissjonijiet finali, imma iddikjaraw li qed jistriehu fuq dak li xehdet l-Ufficjal tal-Probation fis-seduta tad-19 ta' Frar 2025.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. B'sentenza tat-18 ta' Mejju 2022, din il-Qorti kif preseduta sabet lid-denunzjat hati ta' reati relatati ma' serq kif ukoll illi huwa recidiv, u poggiet lid-denunzjat taht Ordni ta' Probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin, u li jobdi ordni ta' servizz fil-komunita u ordnatlu sabiex iwettaq mitt (100) siegha ta' xoghol fil-komunita.

5. Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2024, l-Ufficjal tal-Probation Gabriella James xehdet li d-denunzjat naqas li jikkompleta n-numru ta' sieghat tax-xoghol fil-komunita u minn mitt (100) siegha kien hadem biss seba' (7) sieghat, u lanqas kien konsistenti fl-attendenza tieghu ghall-appuntamenti maghha, apparti li xi ftit drabi r-rizultat tat-test tal-urina tieghu kien pozittiv ghal sustanzi illeciti.

6. Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2024, l-Ufficjal tal-Probation xehdet li fil-mori tad-differiment, id-denunzjat rega' beda jaghmel xi xoghol fil-komunita, u l-attendanza tieghu maghha saret wahda konsistenti. It-testijiet tal-urina tieghu kienu negattiv ghal

sustanzi illeciti. Hija ziedet tghid li ikkonfermat mad-Detox Centre li d-denunzjat ma kienx ghad ghandu problema ta' abbuz ta' droga, u fil-fatt lanqas kien ghadu jigi segwit minnhom. Pero mix-xhieda taghha irrizulta bhala fatt li sad-data ta' dik is-seduta l-mitt (100) siegha ta' xoghol fil-komunita kienu ghadhom ma tlestewx.

7. In vista din ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation, fl-istess seduta tas-6 ta' Novembru 2024, din il-Qorti tat l-ahhar opportunita lid-denunzjat sabiex jimpenja ruhu sabiex jaghmel is-sieghat kollha ta' xoghol fil-komunita minghajr hlas.

8. Effettivament, fis-seduta sussegwenti, u cioe dik tad-19 ta' Frar 2025, l-Ufficjal tal-Probation ikkonfermat bil-gurament taghha li fi Frar tas-sena 2025, id-denunzjat kien mhux biss hadem il-mitt (100) siegha li kellu jaghmel, izda wkoll ghamel iktar sieghat ta' xoghol. L-attendenza tieghu ghall-appuntamenti kienet in generali wahda tajba. Hija ziedet tghid li l-persuna li maghha kien qed jahdem id-denunzjat, kienet sodisfatta bix-xoghol tieghu.

9. Din il-Qorti hija konvinta li dak li sahhah id-determinazzjoni tad-denuzjat li jaghmel is-sieghat kollha ta' xoghol u li josserva l-ordni ta' servizz fil-komunita, kienet propju din id-denunzja, u l-biza mill-konsegwenzi li kien se jkun hemm fuqu jekk hu jibqa' jippersisti illi jinjoraha. Ai termini tal-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, id-denunzjat kellu jahdem is-sieghat ta' xoghol fi zmien sentejn mid-data tal-ordni. Pero ladarba d-denunzjat ottempera ruhu mal-ordni ta' servizz fil-komunita, anke jekk wara li kien skada l-perjodu ta' sentejn, ghamel anke progress dwar l-attendenza tieghu ghall-appuntamenti, u sahhansitra tbieghed mid-droga, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi tieghu ghandhom jigu rikonoxxuti, u li l-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll din id-denunzja servew l-iskop taghhom.

10. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-opinjoni li fic-cirkostanzi, ghalkemm id-denunzjat kiser is-sanzjoni fil-komunita, ma jkunx idoneu li din il-Qorti tinfliggi fuq id-denunzjat il-piena – li f'dan il-kaz tista' tkun biss wahda ta' prigunerija effettiva - ghar-reati li huwa instab hati li ikkommetta bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Mejju 2022, ghaliex inkella l-progress sinifikanti li d-denunzjat irregistra f'hajtu jitharbat.

11. Ovvjament din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi sanzjoni finanzjarja ghal fatt li d-denunzjat kiser l-ordni ta' servizz fil-komunita.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 21 u 14(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li d-denunzjat naqas li jhares htiega ta' sanzjoni fil-komunita imposta fuqu bis-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, tat-18 ta' Mejju 2022;

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti qed tikkundanna lid-denunzjat ghall-hlas ta' ammenda ta' mitejn u tletin Euro (€230.00) li ghandha tithallas minnufih, inkella tigi konvertita fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**